Kunsill Reġjonali Għawdex

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 120/2023

## Il-Ħamis, 20 ta' Lulju, 2023

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali Kerċem |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali n-Nadur |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali Għajnsielem |
| Is-Sinjura Carmen Parnis | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Is-Sur Nicky Saliba | Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur Paul Buttiġieġ | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Dr Marlene Cini | Kunsill Lokali taż-Żebbuġ |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Is-Sur Edward Said | Kunsill Lokali in-Nadur |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali ta' San Lawrenz |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali tax-Xewkija |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr.Samuel Azzopardi ippresjeda l-Laqgħa.

**120.1 Talba**

120.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**120.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

120.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-laqgħat 119 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

**120.3 Komunikazzjoni tal-President**

120.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti li l-iskemi maħruġa mir-Reġjun Għawdex fis-sena 2021 u li ġew estiżi issa ser jagħlqu fl-aħħar tas-sena 2023. Ir-rapporti jridu jkunu sottomessi lir-Reġjun sal-31 ta' Jannar 2024. Il-fondi li ma ġewx użati mill-Kunsilli li kienu applikaw għalihom ser imorru lura lir-Reġjun biex jintużaw għall-affarijiet u skemi oħra.

120.3.2 Il-President reġa semma x-xewqa tiegħu li r-Reġjun Għawdex bl-għajnuna tal-Kunsilli Lokali Għawdxin iġġibu grupp ta' tfal/żgħażagħ mill-Ukrajna bħala "respite" mill-ambjent ikrah tal-gwerra li qegħdin jgħixu fih. Il-President kompla jgħid li kien hemm Kunsill Lokali wieħed biss, dak ta' Ta' Kerċem li wera nteress li jgħin. Il-membri preżenti kollha qablu li jgħinu billi jieħdu dawn it-tfal għall-ġurnata (trasport, ikel, attivitajiet). Ir-Reġjun ġab stima tal-ajru li hija ta' madar €500-700 għal kull tifel/tifla. Is-Segretarja Eżekuttiva bl-għajnuna tal-Maniġer Fabian Galea għandha ġġib kwotazzjoni għall-akkomodazzjoni ta' dawn il-persuni.

.

120.3.3 Il-President ġibed l-attenzjoni li ma kienx hemm attendanza għall-info session tal-proġett tal-Bid Book għall-Bid ta' Għawdex bħala European Region of Gastronomy 2026. Is-Sindku ta' Ta' Kerċem qal li għalkemm hu ma kienx preżenti kien hemm għaqda minn Ta' Kerċem bl-isem ta' Għaqda Għajn Tuta li ser japplika. Il-President fakkar li f'ħafna Kunsilli diġà hemm attivitajiet li jistgħu jkunu parti mill-Bid Book.

**120.4 Korrispondenza**

120.4.1 Ir-Reġjun Għawdex irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Lokali Fontana dwar l-ammont tal-kont tal-ġbir tal-iskart ta' April 2023. Huma qegħdin jgħidu li l-ammont huwa ogħla mix-xhur l-oħra. Il-Kunsill Lokali Fontana staqsa jekk il-ġbir u *tipping* hux qed issir separatament minn lokalitajiet oħrajn. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li l-Maniġer tal-Iskart qed jara dwar din il-kwistjoni.

120.4.2 Ir-Reġjun irċieva talba mingħand il-S.K. Wanderers Football Club għall-għajnuna finanzjarja għall-attivita mtella minnhom "Kids Just Wanna Have Fun 2nd Edition". Huma talbu għajnuna li tammonta għal €1,500. Peress li r-Reġjun għandu skemi għal dawn it-tip ta' attivitajiet li jistgħu japplikaw għalihom il-Kunsilli Lokali, ma kienx hemm qbil li tingħata din it-tip ta' għajnuna lil għaqdiet individwali.

120.4.3 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand is-CEO tal-Enemalta kif ukoll is-CEO tal-ARMS u uffiċjal tal-GO plc dwar it-talba tar-Reġjun sabiex ikun hemm sussidju fuq l-

ispejjeż tal-installazzjoni kif ukoll tal-kiri u konsum tal-internet u dawl sabiex il-Kunsilli jinstallaw CCTV fil-lokalitajiet rispettivi tagħhom. Ir-risposti ta' dawn ġew fin-negattiv.

**120.5 Ħatra ta' Uffiċjal Maniġerali Responsabbli mill-Proġetti**

120.5.1 Il-Kunsill Reġjonali ta' Għawdex irċieva r-rapport ta' ħatra mingħand il-bord ta' evalwazzjoni dwar l-impjieg ta' Uffiċjal Maniġerjali Responsabbli mill-Proġetti. Huma rrakkomandaw lis-Sur Peter Ray Said għal din il-kariga. Il-membri preżenti approvaw din il-ħatra. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tinforma lis-sur Said u jekk jaċċetta tara meta ser jibda l-impjieg tiegħu ma' Reġjun Għawdex.

**120.6 Vakanza ta' Uffiċjal Maniġerjali Responsabbli mill-Kultura.**

120.6.1 Kif ġie diskuss u approvat fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun inħarġet sejħa għal vakanza ta' Uffiċjal Maniġerjali Responsabbli mill-Kultura. Inħarġet sejħa interna u kien hemm applikazzjoni waħda biss sa meta din għalqet. Din l-applikazzjoni ġiet diskussa u approvata waqt il-laqgħa tar-Reġjun unanimament peress li din il-persuna, is-Sinjorina Naomi Galea diġà tokkupa l-istess pożizzjoni f' Reġjun ieħor f'Malta u għandha l-kwalifiki u kif ukoll ir-rekwiżiti kollha meħtieġa. Is-Segretarja għandha tara meta ser tkun tista tibda l-impjieg tagħha mar-Reġjun.

**120.7 Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart (April-Ġunju 2023)**

120.7.1 Il-President ġibed l-attenzjoni li s-soltu kien jattendi l-accountant tar-Reġjun biex jispjega dan ir-rapport. Is-Segretarja Eżekuttiva nformat lir-Reġjun li l-accountant jinsab indispost. Dan id-dokument kien diġa tqassam u għalhekk il-membri kienu diġa rawħ. Ma kienx hemm domandi dwaru. Il-membri approvaw unanimament dan ir-rapport.

**120.8 <u>Laqgħa Plenarja</u>**

120.8.1 Kif ġie diskuss fil-laqgħa preċedenti tar-Reġjun Għawdex se issir laqgħa plenarja. Il-President talab sabiex tiġi ffissata data għal din il-laqgħa. Sibna diffikultà sabiex ikun hemm data meta kullħadd jista' jattendi, iżda ġiet iffissata d-data tas-Sibt 9 ta' Settembru filgħodu għal dan il-għan. Meta tiġi kkonfermata l-Kunsilli u dawk mistiedna ser jiġu nformati. Għandhom jinġabru kwotazzjonijiet għal dan il-għan.

**120.9 <u>Materji Oħra</u>**

120.9.1 Is-Sindku tal-Għarb, Is-Sur David Apap Aġius issuġġerixxa li d-Divizjoni għall-Gvern Lokali għandu jnaqqas l-ammont ta' l-allokazzjoni tal-ġbir u maniġġjar tal-Iskart mill-Kunsilli Lokali u jgħaddihom dirett lir-Reġjun u b'hekk ma jkunx hemm dan ix-xogħol u kwistjonijiet kollha (meta jkun hemm Kunsill li jirrifjuta li jħallas kont). Il-President qal li din tista ssir iżda jrid ikun hemm qbil mill-Kunsilli Lokali kollha (fir-Reġjun). B'hekk jiġi evitat ix-xogħol biex jinħarġu l-kontijiet individwali lil kull Kunsill u l-ġbir tal-istess pagamenti mingħand il-Kunsilli.

**120.10 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti</u>**

120.10.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 132 li kienet tammonta għal €190,212.21

## 120.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

120.11.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-7.50 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.

**IFFIRMATI**

______________________
Dr. Samuel Azzopardi
President

**IFFIRMATI**

______________________
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv